# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 612/2016**

Il-Pulizija

vs

**Saviour Cachia**

iben Emmanuel, imwieled Pieta', fl-1 ta' Frar, 1947, detentur tal-karta ta' l-identita'

bin-numru 189747(M).

Illum 7 ta' Novembru, 2018.

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Saviour Cachia quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli nhar il-21 ta' Settembru, 2015 u fix-xhur ta' qabel f'ghalqa li tinsab f'Wied Hesri s-Siggiewi:

1. Bla hsieb li jisraq jew jaghmel hsara kontra l-Ligi izda biss biex jezercita jhedd li jippretendi li ghandu bl-awtorita tieghu innifsu bena kamra jew kmamar fuq art li hija ta' hutu Francis u Nicholas Cachia

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tad-9 ta' Dicembru, 2016 fejn il-Qorti wara li rat l-l-Artikolu 85 tal-Kodiċi Kriminali, għar-raġunijiet premessi filwaqt li sabet lill-imputat Saviour Cachia ħati tal-imputazzjoni tar-ragion fattasi; iżda peress li fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ hija tal-fehma li jeżistu l-elementi rikjesti mill-Liġi taħt l-Artikoli 7(2) u 22(1) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, tenut kont tax-xorta tar-reat u ċ-ċirkostanzi li seħħew fih, il-Qorti qieset li mhux spedjenti li twaħħal piena, iżda li għandhom jiġu applikati d-disposizzjonijiet tal-istess Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, u għalhekk il-Qorti għamlet ordni li biha tillibera lill-ħati bil-kundizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor matul il-perjodu ta' xahrejn mid-data tal-lum.

Ai termini tal-Artikolu 22(3) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta il-Qorti fissret lill-ħati bi kliem ċar u li jinftiehem l-effetti tal-ordni għall-liberazzjoni kondizzjonata fis-sens li jekk jagħmel reat ieħor matul dan il-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, il-ħati jkun jista' jingħata sentenza għar-reat oriġinali.

Inoltre il-Qorti wara li rat li ai termini tal-Artikolu 85(2) tal-Kodiċi Kriminali, peress li l-għemil tal-ħati wassal għalbiex il-parte civile bagħtiet spoll, il-Qorti applikat d-disposizzjonijiet tas-subartikolu 377(5) tal-Kodiċi Kriminali sabiex tassigura li l-parte civile li batiet l-ispoll titqiegħed għal kollox fl-istat ta' qabel ma batiet l-ispoll u għalhekk ordnat lill-ħati sabiex fi żmien xahar millum, a spejjeż tiegħu, ineħħi l-inkonvenjenti lamentati mill-parte civile matul ix-xiehda tagħhom.

Il-ħati gie mwissi li taħt l-istess Liġi jekk huwa jonqos milli jwettaq u jħares din l-ordni fiż-żmien stabbilit lilu :

(a) hu jkun jista' jiġi misjub ħati ta' reat u jeħel, meta jinsab ħati, ammenda ta' mhux inqas minn erba' euro u sitta u sittin ċenteżmu (4.66) u mhux iżjed minn tlieta u għoxrin euro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (23.29) għal kull ġurnata li matulha jkompli n-nuqqas wara li jgħaddi l-imsemmi żmien;
(b) il-qorti għandha tawtorizza lill-Pulizija biex tneħħi l-inkonvenjent li għalih ikun jirriferixxi r-reat għas-spejjeż tal-ħati, f'liema każ il-ħati jista' jiġi mġiegħel iħallas l-ispiża b'mandat maħruġ mill-istess qorti.

Rat ir-rikors tal-appellanti Saviour Cachia minnu pprezentat fl-20 ta' Dicembru, 2016 fejn talab lil din il-Qorti joghgobha tvarja u tibdel s-sentenza appellata billi tirrevoka s-sejbien ta' htija taht din l-imputazzjoni moghtija kontra tieghu, ossia ta' *raggion fattasi* u minn kull htija konsegwenzjali.
Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe':-

A. <u>Dwar l-Apprezzament tal-Provi Fir-rigward tar-reat ta' Raggion Fattasi</u>

<u>a.1 Generali</u>

Illi permezz ta' dan l-umli appell, l-esponenti qieghed jikkontendi illi fuq l-iskorta tal-provi akkwiziti mill-Ewwel Onorabbli Qorti, ma jirrizultawx l-elementi kollha li jikkostitwixxu r-reat ta' raggion fattasi skond l-Artikolu 85 tal-Kap. 9.

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet, "Il-Pulizija vs Denise Caruana"[1] tistipula li:

"Din il-Qorti tibda biex tghid li r-reat kontemplat fl-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali ma hux intiz biex jissostitwixxi l-azzjonijiet rivendikatorji jew xort'ohra li bihom dak li jkun jikseb ir-rikonoxximent tad-drittijiet tieghu fi jew fuq proprjeta`, mobbli jew immobbli. L-Artikolu 85 huwa intiz biex dak li jkun ma jiehux il-ligi b'idejh, u ghalhekk l-iskop wara din id-disposizzjoni – bhad-disposizzjonijiet fil-kamp civili dwar l-actio spolii – huwa li tipprotegi l-istatus quo."

Gie ritenut f'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati taghna illli l-elementi kostitutivi tar-reat ta' *raggion fattasi* taht l-artikolu 85 tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta huma erbgha (4) u cioe':

1. Att estern li jispolja lil xi hadd minn xi haga li jkun qed igawdi, liema att ikun ezegwit kontra l-oppozizzjoni espressa jew prezunta ta' dan il-haddiehor;
2. Il-Kredenza li l-att qed isir fl-ezercizzju ta' dritt;

[1] Deciza fit-30 ta' Novembru, 2016 per Onor Imhallef E. Grima

3. Il-koxjenza fl-agent li hu qieghed jaghmel "di braccio privato" dak li jmissu jsir permezz tal-awtorita' pubblika; u

4. In-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi.

Illi biex jissustitwixxi dan ir-reat, irid jigi pruvat l-erba' elementi lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni u mhux xi wiehed minnhom. Bir-rispett l-appellant issostni illi fir-rigward tal-binja in kwistjoni huwa ma kien kellu l-ebda koxjenza li dak li kien qieghed jaghmel kien b'xi mod imur kontra l-ligi.

<u>a.2 dwar l-element formali</u>

Ghaldaqstant r-reat ta' raggion fattasi, bhal kull reat iehor, ghandu kemm l-element materjali kif ukoll dak formali, u hu appuntu dawn l-elementi li l-ewwel Qorti kellha dmir u l-obbligu legali li tixtarr. Skond sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali fl-ismijiet il-Pulizija vs John Dimech deciza nhar l-24 ta' Gunju 1961:

"id-dispozizzjoni tal-ligi li tikkontempla r-reat ta' raggion fattasi hija ntiza biex il-privat, jippretendi xi drittijiet ma jissostitwix l-azzjoni tieghu ghal dak tat-tribunal meta jista jirrikorri lejhom. Hi gusta jew le l-pretensjoni tieghu, hu ma jistax minn rajh jezercita dawk id-drittijiet li hu jippretendi li ghandu".

Fir-rigward tal-element formali tar-reat ta' *raggion fattasi*, il-prosekuzzjoni kellha d-dmir legali li tipprova lil hinn minn kull dubju ragonevoli li l-appellant wettaq l-att materjali bl-intenzjoni u l-konoxjenza hekk kif rikjesti mil-ligi.

Fi kliem il-gurista Antolisei:

"*quanto all'elemento soggettivo generalmente si afferma che occorre un dolo specifico, il quale sarebbe costituito dal fine di esercitare un preteso diritto. Questa opinione deriva da una inesatta nozione del dolo specifico. Il fine di esercitare un preteso diritto, invero non e' altro che l'intenzione di farsi ragione da se medesimo, e siccome questo 'farsi ragione ecc' non e un quid*

*che sta al di la del fatto che costituisec il reato, ma il fatto medesimo (azione ed evento) il dolo richiesto deve ritenersi generico, e non specifico.*"

Ghaldaqstant fid-dawl tat-tieni u t-tielet elementi *supra* citati, il-Prosekuzzjoni kellha l-obbligu legali li tipprova li l-appellant agixxa bil-hsieb specifiku li jezercita dritt li jahseb li kellhu kif ukoll li kien konxju tal-fatt li l-agir tieghu kellu jsir permezz ta' awtorita' pubblika.

Crivellari jghallem illi sabiex l-esponenti setgha jinstab hati ta' dan ir-reat, il-Prosekuzzjoni kellha dmir li tipprova li l-esponenti agixxa "con la persuasion di fare da se, cioe' che dovrebbe farsi reclamando l'opera del magistrato" Ghaldaqstant il-Prosekuzzjoni kellha turi illi l-appellant kien jaf li kellu l-fakulta' li jirrikorri ghand l-awtoritajjiet kompetenti sabiex jistabbilixxi d-dritt li ghandu fuq tali kmamar u raba'. Fil-mankanza ta' tali prova l-esponenti jemmen li ma setax jinstab hati tar-reat stipulat taht l-artikolu 85 tal-Kodici Kriminali.

<u>a.3 dwar l-element tat-tgawdija mill-parti leza</u>

Element iehor li l-Prosekuzzjoni kien jehtigielha tipprova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li permezz tat-tali binja in kwistjoni; il-kwerelanti gie spoljat minn art li huwa kien qieghed igawdi.

L-appellanti jfakkar illi l-art li fuqha nbniet il-kamra in kwistjoni, hija art propjeta' tal-Gvern u tinsab f'idejn il- kwerelant u l-appellanti taht titolu ta' qbiela. Tali art inqassmet bonarjament bejn il-parti leza u l-appellant permezz ta' skrittura privata fejn fl-istess skrittura huwa miftiehem illi, "l-passaggi u kwalunkwe kumdita' ohra bhat-tank tal-ilma tal-bejt, bieb ta' barra, etc… , qed jibqghu kollha komuni bejn il-partijiet."

L-esponenti jissottometti illi l-kwerelanti qatt ma ezercitaw xi forma ta' tgawdija jew pussess fuq l-art li fuqha nbniet tali binja u allura l-agir tal-esponenti ma xekkel bl-ebda mod lill-parti leza. Ghaldaqstant fl-umli fehma tieghu, kif qatt jista' jkun li tali binja qieghda xxekkel lill-kwerelanti milli jgawdu din l-art jekk min imkien ma li l-kwerelanti kienu qeghdin effettivament jaghmlu uzu u fl-ahhar mill-ahhar igawdu din l-art.

Il-mankanza ta' dan l-element kostituttiv tfisser illi l-motivazzjonijiet li wasslet lill-Ewwel Qorti sabiex taghti ragun lill-kwerelant kienet ibbazata fuq konsiderazzjonijiet zbaljati billi ma hemm l-ebda prova illi l-agir tal-appellant naqqas b'xi mod jew iehor mit-tgawdija ta' din l-art min-naha tal-parti leza stante li l-istess parti leza ma taghmel l-ebda uzu mill-art.

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Brian Attard'[2] ssosstni illi:

"Wieħed mill-elementi essenzjali tar-reat ta' ragionfattasi hu li l-persuna allegatament spoljata jkollha l-pussess tal-oġġett in kwistjoni. Di fatti d-definizzjoni tar-reat de quo tirrikjedi li l-ħati jkun "fixkel lil xi ħadd fil-pussess ta' ħwejġu". "

L-esponenti jistaqsi, jekk il-Prosekuzzjoni naqset milli ggib imqar prova wahda li turi li din il-binja fixklet lill-kwerelant fil-pussess ta hwejgu, kif qatt seta' huwa jinstab  hati? Jekk il-kwerelenat ma jaghmel l-ebda uzu minn tali art, kif jista' jkun li l-agir tieghi fixkel il-pussess ta' hwejgu?

Il-ġurista Carrara li invariabilment jiġi ċitat bħala l-pedament awtorevoli ta' l-erba elementi tar-reat ta' raġion fattasi diversi drabi riaffermati fil-ġurisprudenza tagħna wkoll jesponi dan l-ewwel element bħala *"un atto esterno che spogli altri di un bene che gode ..."*Il-Carrara imbgħad jispjega dan l-element billi jgħid li *"Chi e' nell' attuale godimento di un bene e continua a goderne a dispetto di chi non voglia, non delinque; perche la legge protegge lo statu quo, il quale non puo variarsi tranne per consenso degl' interessati, o per decreto dell'autorita giudiciale."*

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

---

[2] Deciza nhar il-11 ta' Settembru, 2015 per Onor. Prim Imhallef S. Camilleri

Ikkunsidrat,

Illi hu principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezeament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghal konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tibbdilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi maghmula mill-ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit ta' l-istess biex tara jekk l-ewwel Qorti kinitx ragonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura dik tkun raguni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni. F'dan il-kuntest wiehed jista' jara s-segwenti sentenzi:

Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi deciza fl-14 ta' Frar, 1989;
Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace deciza fil-31 ta' Mejju, 1991;
Il-Pulizija v. Raymond Psaila u Edward Ellul deciza fit-12 ta' Mejju, 1994;
Il-Pulizija v. Amadeo Brincat u Martin Dimech deciza fis-6 ta' Gunju, 1994;
Il-Pulizija v. Carmelo Schembri deciza fit-28 ta' April, 1995;
Il-Pulizija v. Ezzawi Mehemed deciza fit-3 ta' Novembru, 1995; u
Il-Pulizija v. Giovanni sive John Micallef fit-18 ta' Marzu, 2010;
kollha appelli kriminali.

Illi l-aggravju ewlieni tal-appellant hu li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament skorrett tal-provi fir-rigwarda tar-reat li l-appellant hu akkuzat bih.

Illi fil-fehma tal-appellant l-ewwel Qorti ma kinitx korretta anki legalment fl-analizi taghha ta' dan ir-reat u ir-ragunijiet jinsabu fir-rikors tal-appell tieghu li hu riportat hawn fuq.

Illi din il-Qorti minghajr ma ttawwal hi tal-fehma li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament korrett tal-provi li gew imressqa quddiemha. Mhux talli hekk izda l-ewwel Qorti spjegat fid-dettal id-dottrina in materja u ma hemmx il-htija li terga tigi ripetuta hawnhekk.

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti, l-ewwel Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghal konkluzjoni taghha.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti tichad l-appell ta' Saviour Cachia u tikkonferma s-sentenza appellata.